# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ*

**85. 16 ta' APRIL 1910. IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# Is-Salesjani.

Il Kdejdes Dun Bosco ħalla mictub:— « *Si dia ai giovani ampia libertà di saltare, correre, schiamazzare a piacimento. La ginnastica, la musica, la declamazione, il teatrino ben scelto e modesto, le passeggiate sono mezzi efficacissimi per ottenere la disciplina e giovare alla moralità ed alla sanità;* » u għandu raġun għaliex jecc trid li it-tfal jitgħallmu b'il kalb u bla ma jagħmlu ħsara f'saħħithom, li hi il pedament ta' cull għerf, hemm bżonn li ŭieħed ijgħallimhom jakbżu, jitliegħbu u jgħajjtu chemm jinħtieġ; u li ŭieħed ijħajjarhom li jitgħallmu il-lingŭi billi jħarriġhom jirrecitaŭ f'teatrin onest ħalli jidraŭ ucoll ma jistħux kuddiem in-nies. Ma' dana ŭieħed ijżid it-tagħlim ta'l musica li tferraħ il klub, il passiġġati li jħaddmu id-demm u is-snajja li jħejju it-triek ta'l kliegħ il ħobż u jcun ŭakkaf sistema m'il isbaħ ta' trobbija u tagħlim ta'ż-żgħażagħ tant għal gid ta' ruħhom chemm ucoll għal gid ta' gisimhom, sistema li hu mibni fuk it-tliet sisien kaŭŭija: is-saħħa ta'l gisem, il-tħarriġ ta'l moħħ u it-tjubija ta'l kalb; għaliex daŭna it-tliet ħŭejjeġ jecc tieħodhom ŭaħda ŭaħda ma humiex b'iż-żejjed biex toħlok sistema tajjeb ta' tagħlim iżda meta tieħodhom it-tlieta f'dakka tcun bnejt l-aħjar sistema biex trabbi żgħażagħ chif ijrid Alla u chif għandna bżonn f'il ħajja ucoll.

Dana hu is-sistema tant sabiħ li ħalak il għaref Don Bosco biex bih ijtalla ħafna żagħżagħ b'saħħithom u galantomi, dana hu is-sistema li bih miexjin, bi ħrara u ħeġġa ta' min ijfaħħarhom, il Patrijiet Salesjani ta' Ta's-Sliema, iżda lill Gvern ħanin tagħna ma għoġbux għaliex ijrid ijdaħħal fostna is-sistema ta's-suldati, ta's-sŭat b'il curbaċċ bħal ma jsaŭŭtu il baħrin abbord, fi ftit cliem SISTEMA INGLIZ, bħal ma kal hu b'fomm is-Segretarju tiegħu; bħallichiecu l-Ingliżi biss jafu jgħallmu u jrabbu it-tfal u bħallichiecu l-educazzjoni ta'l ġnus latini hi xi ħaġa ankas minn dic ta'l ġnus ftit ilu salvaġġi ta'n-Nord.

Jiena ġa tarraftilcom f'numru ta' kabel li ŭasal biex jagħlak il cuntratt ta's-Salesjani u li il Gvern ma jridx ijgeddedulhom chemm il darba ma jgibux surmastrijiet ingliżi u jmixxu it-tagħlim fuk *sistema ingliż.* Għala dana jrid jagħmlu għadni ma nistax nifhem għaliex li chien tasseŭ jaf li is-sistema u is-surmastrijiet ingliżi huma aħjar minn daŭc ta' nazzjonijiet oħra chien imissu ilu fl-ischejjel l-oħra li għandu taħt idejh u l-actar fl-Orfanatrofju, li gieb surmastrijiet ingliżi u daħħal is-sistema ta's-suldati u ta'l baħrin. Iżda dana ma għamlux għaliex jaf li iċ-civiltà ta'l Eŭropa collha hi gejja m'il Italja u li meta dina chienet ġa nazzjon u chellha il għorrief cbar tagħha f'il Brittannja chienu għadhom jibżgħu m'ir-ragħad u jimirħu għerieŭen f'il boschijiet.

Mela jeŭ il Gvern għandu raġun fl-ischejjel l-oħra u fl-Orfanatrofju u allura jrid jaħkar l'is-Salesjani biss għaliex ma inzertaŭx ingliżi bħalu; jeŭ jecc għandu tort hemm ma nafx għala jrid jibda jfixchel u jgħerrex il barra il daŭna il ħabrieca patrijiet li minn mindu rifsu ġo Ta's-Sliema għamlu gid bla tarf u li ma jintesa katt.

Il condizzjonijiet li il Gvern għamlilhom f'il cuntratt huma ħorox ŭisk u huma ma jistgħu jokogħdu katt għalihom u għalhecc chemm il darba ma jarġax l-ura minnhom (ħaġa li gvern ingliż ma tantx jagħmilha malajr) is-Salesjani jcollhom ijdaŭŭru denbhom mnejn geŭŭ u jħallu l-Istitut f'idejn il Gvern.

U min ijħallas il laħam? AHNA BISS.

Is-Salesjani, għad li jiddispjacihom ħafna li ŭara li mexxeŭ il kuddiem għal ħames snin sħaħ u b'tant gid ijcollhom

jerħuh, m'il agħda jsibu fejn ijmorru għaliex daũna il patrijiet għal gid li jagħmlu cull fejn jirfsu jridhom cullħadd. Jiena naf li offreũlhom fl-Irlanda palazz u artijiet cbar jecc ijridu jmorru jiftħu Istitut hemm. Mela għalihom xorta ũaħda li jokogħdu haũn jeũ band'oħra; il Gvern ma hu lankas sejjer ijbati xejn għaliex ftit ijħabbel rasu jecc nimxu l-ura jeũ il kuddiem u min ijbati tasseũ hu il poplu, u l-actar innies ta Ta's-Sliema li minn mindu rifsu hemm is-Salesjani raũ l-uliedhom miġbura b'gid cbir għal ruħhom u għal gisimhom. Il Gvern ried ijgħaddi dina il praspura baxx, baxx b'ħa'ssoltu iżda l-Onor: Said chixiflu għaũaru f'il Cunsill u urieh ċar u tond chemm tasseũ b'il capriċċi coroħ tiegħu ma jridx il veru gid ta'l Maltin iżda biss dac li jakbel lilu. Is-Segretarju ma għarafx jiddefendi ruħu għaliex il Gvern għandu tort biex ijbiegħ u f'loc li gieb raġunijiet sbiħ u kaũũija kal biss li il patrijiet Salesjani chisru is-segriet ta'l fiduċja bħallichiecu is-Salesjani chellhom jibilgħu dac li kal il Gvern bla ma jitniffsu u jbaxxu rashom għal dac collu li jgħid hu, jeũ inchella jagħmlu sorra minn ħũejjiġhom u jparpru il barra chiss-inchiss bla ma lankas ijgħidu għaliex, bħallichiecu għamlu xi barabandata u jistħu minnha. Nini! Nini!

Jiena naħseb li il Gvern billi issa inchixfet d'il praspura actar jiħrax u jũebbes rasu contra is-Salesjani u għalhecc daũna jcollhom jitilku il barra mnejn geũ bi ħsara cbira għal daũc il ħafna żgħażagħ li chienu b'il ħleũũa u b'il mogħdrija collha kiegħdin jerdgħu minn għandhom tagħlim tant ta' fejda u ta' gid.

Dina tcun prova oħra ma'l katta chemm tasseũ il Gvern barrani li kiegħed b'tant killa jaħchimna ma jridx jarana ingħaddu il kuddiem iżda jrid biss ijsaũũatna fuk daharna b'il curbaċċ bħal famusi Patrijiet Gesũiti li chellna u li jrid ijħallina f'il għama chemm jista biex ma nintebħux fejn ũassalna b'il capriċċi u b'il moħkrija chiefra tiegħu.

# BICE VASSALLO.



Nhar it-Tlieta li għaddeũ f'it-Teatru Manoel sar il Cuncert ta'l imfaħħra pjanista Bice Vassallo, tfajla intelligentissima ta' għaxar snin, taħt il patrocinju ta'l Gvernatur Leslie Rundle, ta' Lady Rundle, ta'l Iskof Pace, ta'l Ammirall Curzon-Howe, ta'l Vici Ammirall Callaghan u Lady Callaghan, ta'l Magg: Gen: Penton u Mrs Penton, ta' Lady Dingli, ta' Sir Joseph Carbone, G.C.M.G; L.L.D. President; ta'l Onor: Vzu. Frendo-Azzopardi, Avucat ta'l Curuna u ta's-Sinjura tiegħu u ta' Sir Richard Micallef K.C.M.G. u ta's-Sinjura tiegħu u il kliegħ mar biex ijgħinu is-Soċjetà ta' San Vincenz de Paoli ta'l Belt. Il musica li il Prof: Paũlin Vassallo (li ma hemmx bżonn infaħħar għaliex il ħila tiegħu hi magħrufa minn cullħadd) għażel biex tindakk minn bintu hi musica diffiċli tasseũ. musica minn dic li jagħżlu cuncertisti gũappi u m'hux tfajla ta' għaxar snin li chemm chemm tilħak ma'l pjanu. Iżda is-sena l-oħra għad li chellha ucoll musica tkila ħafna ħarget bl-unuri collha u għalhecc għamel seũũa li għal d'is-sena għażlilha proggramm hecc sabiħ u diffiċli. Fost il bcejjeċ li chien hemm f'il programm u li dakkithom fost applaũsi cbar insemmi biss l-*Andante* u ir-*Rondò* ta' Beethoven, l-*Arabeske* u il *Io movimento* ta' Schumann, l-*Allegro con fuoco* ta' Mendelsshon. il *Valse*, li *Scherzo*, in-*Nocturne* u il *Berceuse* ta' Chopin, u bcejjeċ oħra ta' Raff u ta' Fisher, li collha dakkithom b'rekka u b'il ħleũũa li jsaħħru bħal ma saħħru il cull minn chien hemm. Għaldakstant m'hux biss nifirħilha b'kalbi collha għa's-success li chellha iżda nixtiekilha għomor tũil ħalli tcattar l-onur ta' missierha u ta' pajjisha.

Barra minnha dakkeũ tajjeb ħafna ucoll il vjolin is-Sinjurini R. Critien, M. Mortimer, S. Grech Ellul, u is-Sinjuri G. Cassar, U. Salafia, u S. Chevalier. Is-Sinjurina T. Farrugia dakket tajjeb ħafna il vjolincell ucoll; u geũ imfaħħrin ħafna ucoll G. Fenech, P. Cauchi, M. Alexandre u S. Galea għaliex dakkeũ tajjeb tasseũ.

Barra m'il bcejjeċ li semmejt saret ucoll l-*Avemaria* tant sabiħa ta'l Prof: Vassallo u li cantaũ fiha is-Sinjurini M. Mortimer, M. Zammit, M. Hammer, L. Vella, E. Mortimer, S. Critien, G. Calleja u A. De Gabriele, u is-Sinjuri E. Bacci, G. Caruana, G. Roveri, P. Pace u l-armonju dakkitu tajjeb ħafna is-Sinjurina Bice Vassallo.

Dana irnexxa ũieħed minn daũc il Cuncerti famusi li bħalhom biss jaf jatina il Prof: Vassallo li minn mindu gie Malta u fetaħ l-Istitut tant imfaħħar tiegħu ħarġu u ħiergin barcata żgħażagħ ta' ħila f'il musica li cattru il gieħ ta' dina il gżira f'dina l-arti tant sabiħa li fiha tant irnexxeũ ucoll Isouard, Azzopardi, Curmi u tant oħrajn.

Għaldakstant nifirħula ma'l fjur ta'l aħjar nies li chien hemm f'il Cuncert b'kalbna collha u Alla ijseddaklu il bintu biex tcompli tcun gieħ għalih u għal pajjisna u jalla actar spiss ijsemmagħna minn dic il musica tant sabiħa u li tant dakkeũha tajjeb.

Brava Bice, *crescit eundo!*

# FRAC.

Nitolbu għa'r-ruħ ta'l Patri Gesuita **Alfredu Gatt-Rutter**, li miet f'il Culleġġ ta' Scutari (Albanija) ta' 32 sena, seũũa seũ sentejn ũara li ħa il kuddiesa, bi pneũmonite kaũũija li ħa m'il-logħob ta'l *football;* u ta'l Patri **Angelicu Briffa** ta' Ta' Giesu li miet ucoll f'il fjur ta' ħajjtu.

★

Nirringrazzja b'kalbi collha is-Sur Fons M. Galea m'il ctieb sabiħ li bagħatli ta'l « Mogħdija ta'ż-Żmien » u li fih żeũġ farsi sbiħ ħafna. Nixtieku naraũ ucoll f'dina il ġabra xi cotba ta' fejda li jgħallmu il poplu bħal daũc li ħareġ kabel biex fuk dina id-damma tant ta minn ijfaħħarha jcun jista jkiegħed il mottu « *Giebha żeũġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.* »

# TLAKKIT.

**L'acbar fabbrica ta'l-labar ta'r-ras** li haŭn f'id-dinja tinsab f'Birmingham, fl-Inghilterra, u minnha johorġu ma's-sebgħa u tlietin miljun labra culljum.

**F'Napli** sejjrin jagħmlu banji li jesgħu erbgħin elf ruħ u billi jcollhom l-ilma sħun u chiesaħ ijcunu jistgħu jservu tant għa's-sajf chemm ucoll għa'x-xitŭa.

**F'Londra** hemm fabbrica biex tagħmel sakajn ta'l għuda lill annimali meta jicsruhom u jaktgħuhomlhom.

**Billi f'bosta pajjisi** l-arbli ta't-telegrafu jiecolhom id-dud kiegħdin jagħmluhom ta'l ħgieġ.

**Fl'Inghilterra** jidħlu m'il America biss ma'l għoxrin miljun sinna falza f'is-sena!

**Gustav Jovanovitch**, russu, hu il bniedem li għandu l-acbar għadd ta' ngħaġ f'id-dinja billi jlaħħku miljun, seba mija u ħamsin elf ŭaħda. Biex jinducraŭhom għandu ma'l ħamsa u tlietin elf chelb u dauna l-ingħaġ collha jirgħaŭ f'ix-xgħari ta's-Siberja.

**L-iksar triek** li hemm f'Londra hi John's Street u ma fihiex ħlief bieb ŭieħed.

**F'gazzetta indjana** «Indian Spectator» krajna li ragel ta' sebgħin sena iżżeŭŭeġ tifla ta' disa snin!

**Fl-America,** f'Indianopolis, saret tiġrija ta'l *motor-cars* u ŭieħed minnhom ta' Louis Strang gera mitt mil fi tnejn u disgħin minuta u nofs.

**Meta mara ġappuniża** tmur f'ħanut biex tixtri libsa trid tgħid chemm il sena għandha u jecc hix miżżeŭŭġa jeŭ le; għaliex id-drappijiet fihom disinji u culuri li juru is-snin u jecc mara hix miżżeŭġa jeŭ le. Allaħares d'il moda tidħol f'Malta għax jinchixef ħafna ghideb!

**Meta F'Londra** tagħmel ġurnata xita il ħŭienet ta'l West End jitilfu ma'l mitt lira bejgħ. T'at-tabacc biss jifirħu għaliex ijbigħu actar.

**L-Escurial,** ta' Toledo, fi Spanja gie mibni m'is-Sultan Filippu it-Tieni biex ijfaccar ir-rebħa li għamel fuk il Franċiżi f'Saint Quintin. Billi il palazz iddedicaħ lill S. Laŭrenz ried li dana il palazz ijcun fih il għamla ta' gradilja li fukha ħa il martirju dana il kaddis. Cull strixxa ta'l gradilja hi bini il vojt hu btieħi u ġonna, il ħolka ta'l mancu cnisja famusa. Dana il palazz fih b'collox ma'l elfejn camra, sitt t-elef bejn bŭieb u tŭieki, tmienin taraġ, tlieta u sebgħin għajn u bi tmienja u erbgħin cantina għal ħażna ta'l imbit!

Veru capriċċ ta' Sultan spanjol!

**Is-Suldati Spanjoli** jieħdu bħala paga żeŭġ soldi biss cull jum.

**F'is-Siberja** jaħchem tant il bard li il ħalib ijbiegħuhulec bħal maduma bajda.

## SCOLA TA'T-TIFSIL.

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il PROF: VINCENZO GRECH li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra, Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

# Il Confoffa ta'l 1799.

Dina hi ŭaħda m'il bcejjeċ l-actar sbiħ ta'l Istorja tagħna għaliex turina li il Maltin meta riedu rabbeŭ il ħila biex kabżu għal pajjishom u taŭ x'tagħmel seŭŭa saħansitra lil Franza li f'dac iż-żmien chienet, b'Napuljun, tbażża l'id-dinja collha. L-imħabba biss li ħera lejn art tŭielidu il għaref u kalbieni Dun Michiel Xerri hi b'iż-żejjed biex iżżejjen l-isbaħ faċċata ta'l Istorja ta' cull nazzjon. Għalhecc billi da'l ġranet dehret f'is-*Salib* miġjuba b'il malti m'is-Sur G. Muscat-Azopardi P.L. in-nota importanti ħafna li chiteb il għaref storicu tagħna Monsignur Alfredu Mifsud, jidhirli li ma nagħmel xejn ħażin li ingibha ucoll f'in-*Naħla* biex minn ma jakrax dic il gazzetta jcun jista jakraha f'tiegħi, u b'hecc din il biċċa storja glorjusa tixxerred f'idejn cull ħadd chif ħakkha.

In-nota hi din:—

## NOTA*

TA MONSINJUR CANONICU MIFSUD

**Fuk il Confoffa tal Maltin biex jaħbtu għal Belt fil 11 ta Jannar 1799.**

« Salvu Xerri, hu Dun Michiel, chiteb lil Capijet ta'r-« Rhula fit-28 ta' Frar 1799, fejn talabhom il grazzja għat-tliet « Nepputijet tiegħu, li chienu hargu mil Belt fl-24 ta dac « ix-xahar, biex ma icollhomx imorru jokogħdu Għaŭdex, chif « chienet tgħid għal cull-hadd il Liġi tal «Cungress tal Maltin». « U f'dic l'ittra isemmi il Zeza Farrugia, bint oħtu Marì, « li chienet miz-zeuuga ma Michel'Ang Pisani, hu dac li Spi-« zjar (Ciccu Pisani) li il Francisi chienu zammeu għal zmien « tŭil makful fil habs ta Sant'-Jermu n imbagħad tauh il meut, « imhabba il confoffa li chienet saret l'Isla, f'auuissu ta' ka-« bel. Mela dauc li ħallsu il laham fl'euuel u fit-tieni cumplott « (tal Isla u ta Marsamxett) chienu 'mhalltin xi ftit flimchien.

« Il uerrieta ta Dun Michiel chienu Marì Salvu u Ganni, « ħutu: u meta giè iccundannat mil hames Imħallfin tal Korti-« Marzjali, tauh iz-zmien biex jagħmel it-testment għand in-« Nutar Guseppi Bonavita.

« Ma Dun Michiel Xerri, li gie xcubettjat fis-17 ta' Jan-« nar 1799, halla hajjtu ucoll, imħabba l-istess haga, DUN BAR-« TILMEU ZARB, «ta-Nurata» (1), li, billi ismu jinsab imnizzel « fil Cumpannija tal Kassisin ta haz-Zebbug, jista uieħed jif-« hem li actarx chien minn dac ir-Rahal. Chif jingħad, Dun « Bartilmeu Zarb chien impiegat San-Guan tal Belt fejn chienu « isiru il-lakgħat ta dauc li chienu 'mxierchin fil «Confoffa.»

« Aul-il-lejl li chellhom jahbtu għal Belt, x'uħud marru « sabu il Canonicu Dun Pietru-Paul Muscat, Tesorier tal Cul-« leggjata ta San-Paul: u talbuh imur igibilhom minn għand « l-Iskof is-sensja li icun «espost is-Sagrament fuk l'Artal» « biex jirnexxi IS-SALT LI CHIENU SEJJRIN JATU: izda Monsin-« jur Labini uiegibhom: «Ma 'rridx li il Cnisija tiegħi tinda-« hal f'din il bicca.»

« Il għodua ta'l 11 ta' jannar fegget mgħammxa. Il Ca-« pijet tal Confoffa ingabru cmieni fil Cnisja ta San Guan: u,

(*) *Għalchemm l-ortografija fiha ħafna sbalji ħallejt collox chif inhu biex is-Sur Muscat Azzopardi ma jitħanfesx.* (*A. Levanzin*).

(1) *Dun Miju, chif igħid il Professur Vassall li chienu isejjhulu (faccata 785).—Chittieba ohrajn isemmuh b'lakmu «ta-Nurata»: imm'issa, bit-thabric ta' Monsinjur Mifsud, kiegħed jidher l-euuel darba cunjomu.—Dan il cunjom jinsab fir-Ricors li għamel lill Cumissjoni ta'd-Demanju Nazzjonali is-sur Guzè Zarb, hu Dun Miju, biex jirtu; u li giè maktuh fit-28 ta jannar 1799 (faccati 52 u 68 tat-Tieni Registru).*

sar Prior ta'l Cunvent ta' Bormla. Miet fl-1862 u f'is-sacristija hemm ritratt tiegħu żgħir b'chitba latina taħtu. Dana hu dac collu li stajt niġbor s'issa fuk il ħajja ta' dana il Patri għaref li għamel unur lill Ordni tiegħu u lill pajjisu, iżda nitma li xi ŭieħed m'il ħafna patrijiet ta't-Teresjani li għandi ħbieb tiegħi u li ma' xi uħud kattajt biċċa minn zgħużiti jiġbruli xi ħaġa aħjar ħalli incun nista inżidha ma' dac li għedt s'issa.

*(Jissoctaŭ).*

# Esperanto

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

Kabel ingħaddu għal regoli oħra ħalli nagħmlu xi ftit tħarriġ biex tifmu aħjar daŭc li għaddejjna u biex taraŭ chemm hi sabiħa u ħafifa dina il-lingŭa.

LA HOMA KORPO.

**Il gisem ta'l bniedem.**

La (1) homa (2) korpo havas (3) tri partojn (4). La
*Il ta'l bniedem gisem għandu tliet bcejjeċ. L-*
unua (5) parto de la homa korpo estas la kapo. La dua(6)
*eŭŭel biċċa ta'l ta'l bniedem gisem hi ir-ras. It-tieni*
parto estas la trunko (7). La tria (8) parto estas (9) la mem-
*biċċa hi il corp. It - tielet biċċa huma il mem-*
broj (10). La homo havas unu (11) kapon (12), unu trunkon
*bri. Il bniedem għandu ŭaħda ras, ŭieħed corp*
kaj kvar membrojn. La kvar membroj konsistas el
*u erba membri. L- erba membri huma magħmula minn*
du manoj (13) kaj el du piedoj. Sur la kapo estas
*tnejn idejn u minn tnejn sakajn. Fuk ir- ras hemm*
la haro (14). Sub la haro estas la kranio (15). La
*ix- xagħar. Taħt ix- xagħar hemm li scudella ta'r-ras. Il*
antaŭa (16) parto de la kranio estas la frunto (17).
*ta' kuddiem biċċa ta' li scudella ta'r-ras hi il ġbin.*
Sub la frunto estas la du okuloj (18). Inter la du okuloj
*Taħt il ġbin hemm iż żeŭġ għajnejn. Bejn iż-żeŭġ għajnejn*
estas la nazo. Sub la nazo estas la lipoj (19). Ek-
*hemm l- imnieħer. Taħt l- imnieħer hemm ix- xuftejn. Te-*
zistas supra (20) kaj suba lipo. Sub la lipoj estas la
*zisti ta' fuk u ta' taħt xoffa. Taħt ix- xuftejn hemm is-*
dentoj (21). La homo havas tridekdu (22) dentojn. Sub
*snien. Il bniedem għandu tnejn u tlietin snien. Taħt*
la lipoj kaj sub la dentoj estas ankaŭ(23) la lango(24). Sub la
*ix-xuftejn u taħt is- snien hemm ucoll l- ilsien. Taħt ix-*
lipoj estas la mentono (25). Duflanke (26) de la kapo estas
*xuftejn hemm id-dakna. F'iż-żeŭġ naħħiet ta' ir- ras hemm*
la du oreloj (27). La haro estas nigra (28) aŭ blanka aŭ blon-
*iż-żeŭġ ŭidnejn Ix-xagħar hu isŭed jeŭ abjad jeŭ is-*
da (29); longa aŭ mallonga (30). Inter la kapo kaj la trunko
*far; tŭil jeŭ kasir. Bejn ir- ras u il corp*
estas la kolo (31). La kolo kunligas (32) la kapon kun la
*hemm il għonk. Il għonk ijgħakkad ir- ras ma' il*
trunko. La trunko havas antaŭan parton, malantaŭan par-
*corp. Il corp għandu ta' kuddiem biċċa, ta' ŭara biċ-*
ton, kaj du flankojn. La antaŭa parto estas la brusto (33);
*ċa u żeŭġ genbejn. Il ta' kuddiem biċċa hi is- sider;*
la malantaŭa estas la dorso (34). Duflanke de la trunko
*ij ta' ŭara hi id-dahar. F'iż-żeŭġ naħħat ta' il corp*
estas la ripoj(35). En la brusto estas la pulmoj kaj la
*hemm il custilji. Fi il sider hemm il pulmuni u il*
koro (36), kiu estas en la maldekstra flanko de la brusto. Sub
*kalb, li hi fi ix- xellughija naħħa ta' is- sider. Taħt*
la brusto estas la ventro (37). En la ventro estas la stoma-
*is- sider hemm iż- żakk. Fi iż- żakk hemm l- istom-*
ko (38), la intestoj (39), la lieno, la hepato (40) kaj la renoj (41).
*cu, l- imsaren, il milsa, il fŭied u il clieŭi.*
Per la okuloj ni vidas, per la oreloj ni aŭdas, per
*Bi il għajnejn aħna naraŭ, bi il ŭidnejn aħna nisimgħu, bi*
la nazo ni flaras, per la lango ni parolas, per la
*il imnieħer aħna inxommu, bi il ilsien aħna nitchellmu, bi il*
pulmoj ni spiras, per la stomako kaj intestoj ni di-
*pulmuni aħna nieħdu in-nifs, bi il stoncu u imsaren aħna in-*
gestas, per la manoj ni laboras, kaj per la piedoj ni
*sajjru l-ichel, bi il idejn aħna naħdmu u bi il sakajn aħna*
promenas (42), ni staras kaj kuras (43). La mano
*nippassiġġaŭ aħna nokogħdu b'il ŭiekfa u niġru. L- id*
havas kvin fingrojn (44). Ni estas vivaj ne mor-
*għandha hames sŭaba. Aħna aħna ħajjin m'hux mejj-*
taj.
*tin.*

Ingħaddu issa biex inżidu xi ftit tifsir:— (1). Ftacru li articolu ma hemmx ħlief ŭieħed u li hu dejjem *la.* (2). *Homa,* billi jispiċċa bl-*a* hu l-aggettiv ta' *homo* (bniedem), chelma gejja m'il-latin. Ftacru li fl-Esperanto l-aggettiv jokgħod actarx dejjem kuddiem in-nom bħal ma ngħidu *a good man, un bel mattino.* (3). Il verb meta hu f'il present dejjem jispiċċa bl-*as.* (4). L-J hi it-turija ta'l plural u l-*n* ta'l accusattiv għaliex hu l-oġġett ta' *havas.* (5). *Unu* tfisser *ŭieħed* biex tagħmlu aġġettiv iżżidlu A. (6). *Du* tfisser *tnejn; dua* mela hu l-aggettiv. (7). B'it-taljan *tronco.* (8). Hu l-aġġettiv ta' *tri* (tlieta). (9). Il present ta' *esti* (tcun). (10). Plural għax bl-J; b'it-taljan *membra.* (11). Fl-Esperanto tgħid dejjem *unu* tant ma'l maschil chemm ucoll ma'l femminil. (12). L'accusattiv ta' *havas.* (13). Plural. (14). Bl-ingliż *hair.* (15) B'it-taljan *cranio.* (16)B'il latin *ante* tfisser kuddiem; l-A tagħmilha aġġettiv. (17). B'it-taljan *fronte.* (18). B'il-latin *oculus* hi *għajn.* (19). *Lip* bl-ingliż (20). Tixbaħ it-taljana *sopra.* (21). *Denti* b'it-taljan. (22). *Dek* m'il grieg *għaxra, tri dek,* tfisser *tliet għaxriet* jeŭ *tlietin;* ŭara il għaxriet iżżid in-numri l-oħrajn; mela *sesdek* - sittin; *okdek* - tmienin; *kvardekkvin* - ħamsa u erbgħin. (23). *Anche* b'it-taljan (24). *Langue* b'il franciż; fl-ingliż hemm *Language* - lingŭa. (25) *Menton* b'il franciż; *mento* b'it-taljan. (26). B'it-taljan *fianco.* (27). *Oreille* b'il franciż. (28). *nigra* b'il latin tfisser *seŭda.* (29). *Blonde* b'il franciż; *bionda* b'it-taljan. (30). Ftacrŭ li il cuntrarju ta'l ħaġa jsir billi iżżidu kadel MAL; mela *malgranda* żgħir, *malnova* kadim. (31). *Collo* b'it-taljan. (32). *Kun* tfisser *ma* bħa't-taljan *con; ligi* torbot bħal *legare* mela *torbot flimchien.* (33). Bl-ingliż *breast.* (34) B'ħa't-taljan. (35). Bl-ingliż *rib.* (36). *Cuore* b'it-taljan. (37). *Ventre* b'it-taljan. (38). *Stomaco* b'it-taljan biss il-leħen ta'l K jinchiteb bħal ma nictbuh f'il malti u bħal ma jinchiteb xi dakkiet fl-ingliż. (39). B'it-taljan *intestina.* (40). B'il-latin *hepar.* (41). B'it-taljan *reni.* (42) *promener* b'il franciż. (43) *correre.* (44) *finger* bl-ingliż.

Ħafna m'il cliem l-ieħor li ma kgħadx inxebbaħħulcom tagħirfuh ŭieħidcom m'il liema ilsien hu gejj; u tintebħu ucoll li meta tafu b'it-taljan, bl-ingliż u xi ftit b'il franciż tifhmu l-Esperanto m'il eŭŭel bla bżonn ta' dizzjunarju xejn. Ir-regoli imbagħad huma dejjem l-istess bla eccezzjoni ta' xejn. Għala mela ma titgħallmuhx ilcoll? Illum tistgħu takraŭ ma'l mitt gazzetta u ma'l ħames mitt ctieb differenti u ticcorrispondu m'il ankas ma' nofs miljun nies! ?

# Għa'n - Nisa.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

*Se il matrimonio può darci la massima felicità, è anche la più instabile delle combinazioni chimiche; il più delicato, il più intricato, il più fragile di tutti i meccanismi.*
PAOLO MANTEGAZZA.

Ūara li tcunu staksejtu seūūa biex taraū jecc għandux xi vizzji dac li tcunu tfajtu għajnejcom fuku, u ūara li tcunu sguri li hu b'saħħtu u bin is-saħħa, hemm bżonn li intom tistħarrġu b'ir-rekka collha ħaġa oħra ta' ħtieġa cbira — X'HILA GHANDU BIEX IJŻOMM IL FAMILJA. L-imħabba hi ħaġa sabiħa ūisk f'iż-żūieġ u minn għajrha ma għandecx għax tfittxu iżda bl-imħabba biss la tiecol, la tilbes, la tħallas chera u lankas trabbi l-uliedec; m'hux biss iżda in-nukkas ta'l kliegħ tista tgħid li dejjem joktol jeū ijtaffi l-imħabba. Isma x'ijgħid il għaref Paūlu Mantegazza li chiel m'il cvievet ta'l ħajja collha:— « *la povertà nel matrimonio è l'inferno; non vi è amore che resista alla lotta quotidiana colle necessità della vita. La miseria che s'impone a, figli col matrimonio è un delitto. Non si può immaginare quanto veleno ci sia nella povertà che si soffre in tre, in quattro, sotto il tetto di una casa angusta, misera; quanto inferno possa essere chiuso in un conto di sarta, che non si può pagare, nell'angoscia del pensiero di dover pagare fra pochi giorni il semestre della pigione.*

Mela jecc ma tridx takbeż għal rasec f'dana l-infern ta' dina id-dinja biex tokgħod tinxteūa kalb torturi l-actar cbar katt tiżżeūūeġ kabel ma il għarus tiegħec jicseb impieg seūūa jeū kabel ma tcun sgura li f'in-negozju tiegħu miexi seūūa b'ir-rieħ f'il kala. U la tħarisx biss lejn dac li jniżżel f'il cotba iżda lejn dac li jdaħħal, u minn dana ara x'ijħallas spejjes u x'jieclulu in-nies minnhom. Il kliegħ veru f'cull negozju, f'cull sengħa u f'cull professjoni hu dac li jifdal f'il but u m'hux dac li jinħażż b'il gips jeū b'il-lapes. Tħaresx mela lejn il ħafna bejgħ iżda lejn il kliegħ veru li kiegħed jibka minnu. U ftacar li l-impieghi ma huma katt sguri; illum jaħdem u l-agħda ta'ż-żūieġ bagħtuh bħal ma ġara bosta drabi. Mela torbotx fuk ir-rieħ għaliex ijdur b'rasec, u fuk collox, biex tcun actar sgura f'il ħajja, ara li ma tiżżeūūiġx ma' ragel GĦAŻŻIEN jeū STUPIDU. Meta ir-ragel li tieħu jfalli jeū jibagħtuh m'il impieg jecc hu ħaūtieli u jecc hu intelligenti jara chif jagħmel, ijħabrec u jistinca, u jibka sa jsib tokba oħra mnejn ijlakkat lokma ħobż biex titrejjku; iżda jecc ijcun għażżien jitrecchinlec cobba f'rocna u jridec tmur tara mnejn iġgib il ħobż int, b'is-seūūa jeū b'id-dneūūa, għaliex inchella jixxenjalec jecc ma jmiddx idejh fukec ucoll; u int ijcolloc b'xi tliet kriemeċ ijgebbdu ma' djulec jecc m'hux b'xi ieħor imdendel ma sidrec ucoll tibda tmur issakkaf ūiċċec ūara bieb ommoc, ūara bieb ħutec jecc m'hux ūara bieb il barranin ucoll; u dan hu imrar m'il actar kalil u l-actar jecc niesec kabel ma rieducx tieħdu jeū fetħulec għajnejc u int ūebbist rasec għaliex ħsibt li « *una capanna ed un cuore* » chienu b'iżżejjed biex tistgħu tgħixu ħienja flimchien.

Għadec ma tistax tifhem ja xbejba li moħħoc għadu mimli bl-imħabba biss, x'velenu irkik hu meta tarac tneħħi ūaħda ūara l-oħra, b'nofs prezz jeū inkas, l-erba xarbitelli li tcun tatec ommoc, il ħajta deheb li jcolloc f'caxxunec merfugħa għal bnejtiet li jcolloc, il mobbli li biħom tcun imżejjna darec; x'kasma ta' kalb iġġarrab meta tibda tara li ma tistax tilbes bħal ġara u l-actar li ma tistax tlibbes l-uliedec u tibgħathom fl-ischejjel bħal ta' ħaddieħor u meta cull min jafec jibda jicser għajnejh fukec jeū biex jitbissem jidħak jeū biex juric li gietu ħniena minnec. U b'dana it-tfettit u b'in-nukkas ta'l ichel jiħżien il ħalib ta' sidrec u it-tfal jibdgħu jisfaru u jimirdu u dac il mard ma jcollocx mezzi biex tilkgħu, biex issalva il min tant batejt biex gibtu f'id-dinja. Ūara actarx timrad int ucoll; u żeūgec jibda jkatta il ġranet barra scartat m'id-dar u actarx jiżdinga u jatiha għa'x-xorb jeū għal xi triek ħażina. Fl-aħħar tibda il muschetterija ta'l mandati u ta'l isgumbramenti, b'il frattarijiet u ix-xenati ūara biebec u cull fejn timxi. u jibda cullħadd jiscartac, ibda minn niesec stess, għaliex jaħseb li sejjra titolbu xi ħaġa u forsi fl-aħħar, meta ma tiflaħx ticcumbatti iżjed, tiġġarraf jeū fi triek ħażina, jeū f kabar, jeū f'Ūied Incita.

Dana tridu?

Sgur li le għaliex allura aħjar torbot mażżra ma' għonkoc u tmur tinxteħet il baħar m'il eūūel. U għalhecc ġa la darba ma tridx tasal f'dan kisu m'il bidu u tinxteħetx f'iżżūieġ b'għajnejc magħluka b'it-tama li Alla jipprovdi biss. Alla jridec l-eūūel tgħin ruħec biex ijgħinec hu.

Mela tixtrix il ħall b'it-tama li jsirlec imbit, iżda ixtri imbit m'il aħjar, pacenzja ūara jecc ijsirlec ħall. KATT TIŻŻEŪŪEĠ RAGEL GĦAŻŻIEN JEŪ INJURANT. Jecc jista jcollu għal ħila tnejn jeū iżjed tant aħjar għaliex, jecc ma jinfedx f'il ħajja b'ūaħda jinfed b'oħra u jecc ma jaklax il ūisk il ftit dejjem ijgibu id-dar biex tistgħu tolzaū u tpoġġaū minn jum għal l-ieħor.

Ftacru li

« *Min jitma ūisk f'it-tama*
« *It-tama tkarrak bih;*
« *Jagħmel ir-riħ f'il bomblu,*
« *Jaħseb li jsiefer bih.* »

Ibnu il pedament ta'ż-żūieġ f'is-sod u m'hux fuk ir-ramel, għaliex xi dakkiet allavolja tibnuh fuk iż-żonkor f'il ħajja jsiru tant terremoti kaūūija u jiġu tant burraxchi cbar li jġarrfuhulec; aħseb u ara jecc tcun bnejt fuk it-tafal; ma l-eūūel buffura jaka gozz gebel u jordomcom taħtu b'uliedcom b'collox li ma jcollhomx ħtija u li jcollhom actarx ijmorru jiġġerreū f'it-torok, kalb it-tiġrif u iċ-ċanfir, biex jitrejjku imħabba f'il capriċċ ta'l genn tagħcom. U meta issib ruħec f'dina il basla collha x'jibkagħlec minn dic it-telfa cbira, minn dic l-imħabba ta'l genn li chellec lejn żeūgec kabel ħadtu? Xejn, jeū ūisk ftit għaliex int bniedma u m'hux anġlu nieżel m'is-sema u taħt il killa ta'l miserja l-ebda imħabba ma tista tibka tgħix ħadra u b'saħħitha. Ijgħidu Mantegazza:— « *Se hai un marito che non sappia lottare e vincere la moglie incomincia a sprezzarlo e ad odiarlo.* »

Mela ja xbejbiet li għadcom ma doktux l-imrar ta'l ħajja u li taħsbu li cull ġuvni, bħal Ernani, « *Sol di rose intrecciarti vuol la vita* » isimgħu minni u jecc ma issibux żagħżugħ għal kalbcom, li tcunu tħobbuh ħafna, li jcun ijridcom biss għax ijħobbcom, li jcun b'saħħtu u bin is-saħħa, li jcun bla vizzji coroħ u bla ma jħobb torok ħżiena, u li jcun jakla seūūa, intelligenti u bieżel, la tiżżeūġux. Stenneū f'darcom għaliex min jistenna spiss jitħenna.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

★

# STORJA TA'L PAPIET.

XXXVII.

## S. LIBERJU.

**Saltan għal għaxar snin, seba xhur u tliet t-ijiem. Laħak f'issena 352 u miet f'is-sena 363.**

Ruman bin Aūgustu. Dana ħareġ ligi li ma tul ir-Randan ma chienux jistgħu jsiru caūżi f'il Korti u li min chien ijcollu jieħu xi flus ma chienx jista jfittixhom f'dana iż-żmien. Costanzu bin l-Imperatur Costantinu ħrax contra il Papa meta dana ma riedx jilka ir-rigali li bagħatlu giegħilhom, jorbtuh u jgibuh kuddiemu; iżda il Papa ma bażax minnu u baka sħiħ f'il feħma tiegħu. Għaldakstant eżiljah f'it-Traċja; iżda billi ħafna rumani kabżu għalih u talbu lil Costanzu li jarġa jibgħatu f'Ruma, dana baża u ma kalx le, iżda ħaūn chellu actarx jokgħod moħbi. Faħħruh ħafna kaddisin u fosthom Sant' Ambroġ u S. Basilju u il għaref chittieb Baronju sejjaħlu « il Cbir » għal għerfu u għal kdusitu.

Min hu marid bl-ANEMIJA (lakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ūara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaūūi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaūūija. Daūna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaūh fukhom stess jeū fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seūda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox ikreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaūūeġ f'il ħajja u tibchi jeū tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseū hemm medicina li tista tfejjakha jeū li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caūba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeū ijbigħ titoli b'il premju jeū bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt,** cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn ijcun jista jieħu ūcoll cull informazzjoni oħra.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seūūa seū kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeū għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ūara nofs inhar dejjem id-dar.

# Tridu tfieku f'kasir zmien u b'nefka zghira m'id=

# DIABETE?

## Biex ma jibdielcomx uzau m'il actar fis il

# FERMENTIN

## li hu imfahhar hafna, chif hakku, m'il ahjar tobba.

Jinbigh il Belt fl-Ispizzeriji:— ta's-Sur A. Cumbo, Strada Rjali, 26; ta's-Sur Fabriz Borg, Sda Rjali, Nru. 267; ta's-Sur Fred Gera, Sda S. Giovanni, Nru. 4; ta's-Sur Stilon, Sda Rjali, Nru. 245; u f'St: Paul's Pharmacy, Sda S. Paolo, Nru. 277. Bormla ghand l-Ispizzjar G. Farrugia, Sda S. Paolo u Hal Kormi ghand l-Ispizzjari Nicola Spiteri u G'anni Gatt.

**Morru ghand l-Agent Morina ta' Strada Rjali ta'l Belt biex jaticom ctieb B'XEJN b'ic-certificati.**

Fl-Excelsior Bar ta' **Riccardu Spiteri**, ta' Strada Vittoria, Nru. 37, l-Isla, issibu cull xorta ta' spirti, ta' imbejjet u ta' birra collox m'il ahjar qüalità. Ghandu camra privata ghal familji ucoll.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seŭda ghal cotba jeŭ ghal gurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rhis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**




**In-"Nahla tistampa ruhha fl-Istamperia "EMPIRE PRESS ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furana fen isir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**